MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 36/2012

Mobisle Communications Limited

Vs

Jason Caruana

It-Tribunal:-

Ra l-avviz tat-talba prezentat fl-erbgha (4) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) li bih il-kumpanija attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lilha s-somma ta' elf u tnejn u hamsin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€1052.85) liema ammont huwa fi hlas ta' servizzi ta' telefonija fil-kont numru 50999610. Dan bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

It-Tribunal ra r-riferta negattiva tal-konvenut kemm meta sar tentattiv ta' notfika bil-posta registrata kif ukoll meta sar tentattiv ta' notifika permezz tal-purtier.

Ra d-digriet tieghu tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn awtorizza n-notifka tal-konvenut permezz tal-publikazzjoni u l-affissjoni.

Ra r-riferti ta' tali notifika a fol tergo 2 ta' l-inkartament tal-process.

Ra ukoll il-publikazzjoni maghmula fil-gazzetta The Times tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013); u dik tal-gazzetta tal-gvern tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elfefejn u tlettax (2013)

Ra illi l-konvenut debitament notifikat bil-publikazzjoni u affissjoni qatt ma prezenta risposta u qatt ma deher quddiem it-Tribunal biex jikkontesta t-talba.

Sema' ix-xhieda ta' Emanuel Cini moghtija fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013). Ra' l-kapitolu prezentat.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra wkoll d-digriet tieghu tas-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) li permezz tieghu iddeferixxa din il-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum .

Ikkunsidra.

Illi wara li saret in-notifika permezz ta' publikazzjoni u affissjoni, l-konvenut Jason Caruana la deher biex jikkontesta t-talba quddiem it-Tribunal u lanqas ma' prezenta risposta.

Illi l-konvenut ma deher fl-ebda differiment.

It-Tribunal sema' bil-gurament lil Emanuel Cini, impjegat fil-Credit Control Section tal-kumpanija attrici liema xhud ikkonferma illi d-debitu favur il-kumpanija tieghu ghadu dovut fl-intier tieghu. Mid-dokumenti esebiti jirrizulta wkoll illi dawn jikkorraboraw dak li xehed l-istess Emanuel Cini. Il-kapitolu prezentat ma giex ikkontestat u gie konsiderat bhala mistqarr u kwindi hemm ukoll l-ammissjoni tacita.

Fil-kumpless tac-cirkostanzi u l-provi kollha u fin-nuqqas ta’ oppozizzjoni da parti tal-konvenut, it-Tribunal jidhirlu illi t-talba tal-kumpanija attrici hija wahda gusta u timmerita li tigi akkolta.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet tal-kumpanija attrici, jikkundanna lill-konvenut Jason Caruana ihallas lilha s-somma ta’ elf u tnejn u hamsin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€ 1052.85). Bl-imghax mil-prezentata ta’ dan l-avviz il-quddiem. L-ispejjez kollha jkunu a’ karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------